MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1393/1997/1

**Raymond Casha**

**vs**

**Joe u Grace konjugi Borg u Visual & Sound Communications Ltd**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi l-konvenuti kienu appaltaw lill-attur xi xogholijiet li gew ezegwiti u baqa' x'jithallas il-bilanc ta' mitejn tlieta u sebghin lira maltija u disa' centezmi (Lm273.09).

Illi l-konvenuti appaltaw lill-attur xoghol iehor konsistenti f'kisi, tinqix, u tibjid fi blokka ta' apparatamenti fi Triq Manwel Dimech, Sliema.

Illi waqt il-perkors ta' dan l-appalt il-konvenuti minghajr ebda raguni valida hallew il-kuntratt ta' l-appalt, u nkarigaw terzi sabiex jezegwixxu x-xogholijiet li kien fadal, liema terminazzjoni rrizultat f'nuqqas ta' hlas ta' prezz ghal xoghol esegwit mill-attur u f'telf ta' qliegh ghall-attur fl-ammont ta' hamest elef hames mija u ghoxrin lira maltija (Lm5520).

Illi l-konvenuti debitament interpellati sabiex ihallsu l-ammont fuq imsemmi baqghu inadempjenti.

Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-konvenuti tterminaw l-appalt fuq imsemmi li kien qieghed jigi ezegwit mill-attur minghajr ebda raguni valida, li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' hamest elef seba' mija u tlieta u disghin lira maltija u disa' centezmi (Lm5793.09), in kwantu ghal Lm273.09 bhala bilanc minn somma akbar ghal xoghol ezegwit mill-attur, u kwantu ghall-bilanc ta' Lm5520 dovuti bhala hlas ta' prezz ghal xoghol ezegwit mill-attur u bhala telf ta' qliegh li sofra l-attur meta l-appalt lilu moghti gie mholl minghajr raguni valida mill-konvenuti, jew dik is-somma verjuri li tigi likwidata permezz ta' perit nominandi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Mejju, 1997 u tal-mandat ta' qbid numru 3307/97 u tal-mandat ta' sekwestru 3308/97, kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarzzjoni tal-attur debitament konfermata bl-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjerduta) tat-30 ta' Novembru 1999 fejn gie dikjarat li l-konvenuti

ggustifikaw il-kontumacja u ghalhekk inghataw il-fakolta’ li jippresentaw nota tal-ecccezzjonijiet.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-konvenuti Joe u Grcae konjugi Borg ghandhom jigu liberati mill-gudizzju, sante li l-appalt koncess lill-attur gie kontrattat f’isem is-socjeta’ Visual & Sound Communications Ltd minn Joe u Grace Borg fil-kwalita’ taghhom ta’ diretturi tal-imsemmija socjeta’.

Illi l-appalt moghti lill-attur gie subappaltat minghajr ebda awtorita’ jew kunsens min-naha tal-konvenuti lil persuni inkompetenti u mhux tas-sengha, ta’ nazzjonalita’ afrikana.

Illi x-xoghol moghti mis-subappaltaturi tal-attur ma kienx skond l-arti u s-sengha, u hija ghal din ir-raguni li l-appalt gie terminat unilteralment mis-socjeta’ konvenuta a tenur tal-artikolu 1640(1) Kap 16, wara warnings ripeturi u reiterati.

Illi l-ewwel darba li gew imwaqqfa, is-subappaltaturi tal-attur regghu bdew mill-bidu, izda baqghu jaghtu xoghol difettuz; l-appalt gie terminat b’mod finali mis-socjeta’ konvenuta fuq parir tal-Perit taghha, AIC Noel Debattista, u x-xoghol kollu li sar mis-subappaltaturi tal-attur kellu jitnehha a spejjez tas-socjeta’ konvenuta u ghalhekk is-socjeta’ konvenuta kellha raguni valida biex thassar l-appalt a tenur ta’ l-artikolu 1640(3) tal-Kap.16.

Illi ma hux minnu li f’dak l-istadju x-xoghol tal-attur kien kwazi tlesta; jinghad fil-fatt illi kien ghad fadal hafna xoghol x’isir.

Illi x-xoghol ta' tibrix fl-imkien mal-istess appalt kellhom jinghataw lil terzi, a spejjez tas-socjeta' konvenuta, b'konsegwenzjali danni konsistenti fi spejjez ta' tibrix, scaffolding, u telf ta' xoghol qliegh, in kwantu x-xoghol dam hafna aktar sabiex tlesta, b' telf konsegwenzjali ta' good-will u ta' bejgh; jinghad fil-fatt illi matul iz-zmien kollu lil l-faccata ta' l-Exotique baqa' miksi bl-iscaffolding, il-bejgh naqas konsiderevolment, kif ser jigi pruvat waqt is-smigh tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti fejn gie premess:-

Illi l-attur Raymond Casha naqas li jadempixxi l-obbligi kontrattwali minnu assunti versu s-socjeta' Visual & Sound Communications Ltd.

Illi tali inadempjenza tikkonsisti f'xoghol hazin u mhux skond l-arti u s-sengha maghmul fil-fond 380, Manwel Dimech Street, Sliema.

Illi sabiex jitnehha x-xoghol difettuz in kwistjoni, is-socjeta' Visual & Sound Communications Ltd soffriet danni konsistenti fi spejjez ta' tibrix, scaffolding, u telf ta' xoghol qliegh, in kwantu x-xoghol dam hafna aktar sabiex tlesta, b'telf konsegwenzjali ta' good-will u ta' bejgh; jinghad fil-fatt illi matul iz-zmien kollu li l-faccata ta' l-Exotique baqghet miksija bl-iscaffolding, il-bejgh naqas konsiderevolment.

Illi l-attur esegwixxa diversi xogholijiet ohra gahs-socjeta' konvenuta kif ukoll ghall-konvenuti Joe u Grace konjugi Borg fl-istess fond 380, Manuel Dimech Street, Sliema, kif ukoll fil-fond 74, Windsor Terrace, konsistenti f'membranes, liema xoghol irrizulta li kien difettuz u li fil-fatt qieghed jinqala'.

Ghalhekk il-konvenuti qed jitolbu li jigi dikjarat li l-attur rikonvenzjonat naqas li jadempixxi l-obbligi kontrattwali tieghu versu l-konvenut rikonvenzjonanti, li jigu likwidati

id-danni konsekwenzjali, okkorrendo permezz ta’ periti nominandi.

Rat id-dikjazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-attur dwar il-kontro-talba tal-konvenuti fejn gie ecceit:-

1. Illi preliminarjament, il-kontro-talba hija nulla u rritwali peress li d-dikjarazzjoni tal-fatti li saru flimkien mar-rikonvenzjoni u man-nota ta’ l-eccezzjonijiet, ma gewx konfermati bil-gurament mill-konvenuti kif titlob il-ligi.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-meritu, l-pretenzjonijiet tal-konvenuti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex ix-xoghol kollu li sar mill-eccipjent sar skond is-sengha u l-arti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Semghat lix-xhud il-Perit Lawrence Gatt prodott mill-attur.

Rat l-affidavits tal-attur, ta’ Mario Gafa’ u tal-Perit Aldo Caruana lkoll presentati mill-attur.

Semghat lix-xhud Arthur Calleja prodott mill-attur.

Semghat lill-Perit Noel Debattista prodott mill-konvenuti.

Rat l-affidavit tal-attur.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-attur.

Rat in-nota responsiva ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Hawn si tratta ta' zewg kuntratti ta' appalt moghtija lill-attur Raymond Casha li bihom gie inkarikat biex jaghmel xi xogholijiet go zewg fondi separati f'Tas-Sliema u cioe' wiehed li jinsab go Windsor Terrace u l-iehor blokk ta' appartamenti f'Manwel Dimech Street. L-attur jippretendi li ghax-xoghol li sar f'Windsor Terrace ghad ghandu jiehu bilanc ta' mitejn tlieta u sebghin lira maltija u disa' centezmi (Lm273.09).

Jidher li dan ix-xoghol kien jikkonsisti principalment f'xoghol ta' membrane. Ix-xoghol li kellu isir f'Manwel Dimech Street kien jinvolvi xoghol ta' kisi, tinqix u tibjid. L-attur jallega li f'dawn ix-xogholijiet kollha huwa kien gie inkarikat mit-tlett konvenuti, cioe' l-konjugi Joe u Grace Borg u s-socjeta' Visual and Sound Communications Limited. Skond l-attur fil-kors tal-appalt, li kellu jigi esegwit f'Manwel Dimech Street, il-konvenuti, minghajr raguni valida, waqqfu l-kuntratt tal-appalt, u nkarigaw terzi sabiex jezegwixxu x-xogholijiet li kien fadal li jsiru. Skond l-attur tali terminazzjoni rrizultat f'nuqqas ta' hlas tal-prezz ghal xoghol li kien gia gie esegwit u f'telf ta' qliegh, li gie kalkolat mill-attur li jammonta b'kollox ghas-somma ta' hamest elef hames mija u ghoxrin lira maltija (Lm5520).

Ghalhekk, f'dawn il-proceduri l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-konvenuti tterminaw l-imsemmi appalt li kellu jigi esegwit f'Manwel Dimech Street, Sliema minghajr ebda raguni valida. Qed jitlob ukoll li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma komplessiva ta' hamest elef seba' mija u tlieta u disghin lira maltija u disa' centezmi (Lm5793.09), kwantu ghal Lm273.09 bhala bilanc tal-prezz tal-appalt li gie esegwit f'Windsor Terrace (li ser jissejjah "l-ewwel appalt") u kwantu ghall-bilanc ta' Lm5520 dovuti bhala hlas ta' prezz ghal xoghol ezegwit mill-attur fl-appalt li kellu jigi esegwit f'Manwel Dimech Street (li ser jissejjah bhala "t-tieni appalt") u jinkludu ukoll telf ta' qliegh li sofra l-attur meta l-appalt gie terminat minghajr raguni valida jew dik is-somma verjuri li tigi likwidata mill-Qorti.

Da parti taghhom il-konvenuti, fl-ewwel lok qed jeccepixxu li l-konvenuti konjugi Borg ghandhom jigu liberati mill-gudizzju, stante li l-appalt gie koncess lill-attur mis-socjeta' konvenuta Visual & Sound Communications Ltd u f'dan ir-rigward il-konvenuti konjugi Borg agixxew biss fil-kwalita' taghhom ta' diretturi tal-istess socjeta' konvenuta. Inoltre l-konvenuti qed jeccepixxu ukoll li l-appalt moghti lill-attur gie minnu irregolarment sub-appaltat lill-persuni inkompetenti u mhux tas-sengha, ta' nazzjonalita' afrikana. Din l-eccezzzjoni tista tinftiehem bhala li peress li s-sub-appaltaturi kienu ta' nazzjonnalita' affrikana kwindi dawn l-istess subappaltaturi kienu inkompetenti u mhux tas-sengha. Jekk hu hekk dan il-kumment jista jitqies li hu razzista. Il-Qorti pero' tittama li dan mhux il-kaz u li ma kinitx l-intenzjoni tal-konvenuti li jaghmlu tali kumment razzist. Il-konvenuti jkomplu jissottomettu li peress li x-xoghol ma kienx skond l-arti u s-sengha huma itterminaw l-appalt unilateralment a tenur tal-artikolu 1640(1) tal-Kap.16 u inoltre dan sar wara li l-attur nghata twissijiet ripetuti. Il-konvenuti inoltre jissottomettu li huma tterminaw l-appalt b'mod finali fuq il-parir tal-Perit Noel Debattista u x-xoghol kollu li sar mis-subappaltaturi tal-attur kellu jitnehha. Kwindi s-socjeta' konvenuta kellha raguni valida biex thassar l-appalt. Skond il-konvenuti mhux minnu li f'dak l-istadju x-xoghol tal-attur kien kwazi tlesta.

Inoltre l-konvenuti komplew jissottomettu li x-xoghol kollu maghmul mill-attur kellu jerga jsir minn terzi u ghahekk il-konvenuti sofrew danni cioe' l-ispejjez kollha biex tnehhew u gew rimpjazzati x-xoghilijiet li kienu saru mill-attur. Kien hemm ukoll spejjez ohra bhal dawk ta' scaffolding, u ukoll telf ta' xoghol u qliegh peress li x-xogholijiet damu hafna aktar sabiex tlestew u kwindi kien hemm ukoll telf ta' goodwill u ta' bejgh. Dawn is-sottomissjonijiet jidhru li jirreferu ghaz-zewg appalti. Ghar-rigwrd tat-tieni appalt il-konvenuti jirrilevaw li il-faccata tal-fond ta' Manwel Dimech Street damet ghal zmien relattivement twil miksija bl-

iscaffolding u, skond il-konvenuti, l-bejgh mill-isess fond naqas b'mod konsiderevoli.

Fil-fatt il-konvenuti approfittaw minn dawn il-proceduri sabiex ippresentaw kontro-talba. F'din il-kontro-talba gie premess li l-attur naqas mill-obbligi kontrattwali minnu assunti u dan billi x-xoghol li esegwixxa fil-blokk ta' appartamenti f'Manwel Dimech Street, Sliema ma kienx skond l-arti u s-sengha. Huma komplew jippremettu li kellu jitnehha x-xoghol kollu difettuz gol-blokk ta' Manwel Dimech Street. Inoltre is-socjeta' konvenuta tippretetendi ukoll li minhabba l-agir tal-attur hi sofriet danni konsistenti fl-isejjez li saru sabiex tnehha u gie rimpjazzat ix-xoghol li ghamel l-attur, spejjez ohra ta' safolding u telf ta' xoghol u qliegh in kwantu x-xoghol dam aktar sabiex tlesta. Il-konvenuti ppremettew ukoll li x-xoghiljiet li saru fl-ewwel appalt mill-attur kienu ukoll difettuzi u kellhom jinqalghu.

Ghalhekk, fil-kontro-talba taghhom, il-konvenuti talbu li jigi dikjarat li l-attur rikonvenzjonat naqas li jadempixxi l-obbligi kontrattwali tieghu versu l-konvenuti rikonvenzjonanti. Talbu ukoll li jigu likwidati id-danni konsekwenzjali.

Ghall-kontro-talba l-attur qed jeccepixxi, preliminarjament, li l-kontro-talba hi nulla peress li d-dikjarazzjonijiet tal-konvenuti li saru flimkien mar-rikonvenzjoni u man-nota tal-eccezzjonijiet, ma gewx konfermati bil-gurament mill-konvenuti kif titlob il-ligi. L-attur jeccepixxi ukoll li x-xoghol kollu li ghamel hu sar skond is-sengha u l-arti.

L-ewwel ser tigi trattata l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti u cioe' li l-konvenuti konjugi Borg, fil-kwalita' personali taghhom mhux il-legittimi kntraditturi f'dawn il-proceduri peress li l-appalt gie moghti lill-attur mis-socjeta' konvenuta Visual & Sound Communications Ltd u semmai l-konvenuti konjugi Borg agixxew biss fil-kwalita' taghhom ta' diretturi tal-istess socjeta' konvenuta u ghalhekk l-istess konvenuti konjugi Borg ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. F'dan ir-rigweard jidher li sar, bejn il-partijiet, ftehim bil-miktub dwar l-appalti in kwestjoni, pero' dawn l-iskritturi ma gewx esibiti. Li kieku

gew esibiti dawn l-iskritturi kien jkun aktar facli li wiehed jiddetermina jekk il-konvenuti konjugi Borg humiex jew le l-legittimi kontraditturi f'dawn il-proceduri. In effett fl-afidavit tax-xhud Mario Gafa, prodott mill-attur, hemm referenza ghal din l-iskrittura li pero' baqghet ma gietx esibita.

Il-partijiet naqsu ghal kollox li jaghmlu provi dwar din l-eccezzjoni preliminari u cioe' li l-konvenuti Joe u Grace Borg mhux il-legittimi kontradditturi f'din il-kawza. Il-partijiet lanqas biss accennaw ghal din il-kwestjoni fin-noti finali taghhom. Fuq din il-kwestjoni hemm nuqqas totali ta' provi kif ukoll nuqqas totali ta' sottomissjonijiet kemm fattwali kif ukoll legali.  Konsegwentement il-Qorti ma tistax tasal ghal decizjoni dwar din l-eccezzjoni u kwindi din l-istess eccezzjoni qed tigi rigettata peress li ma giex ippruvat li l-konvenuti konjugi Borg ma kienux personalment involuti f'dawn il-kuntratti.

Ma jidhirx li hemm kwestjonijiet dwar l-ewwel appalt li jidher li gie kompletat mill-attur u jidher ukoll li l-attur ghad ghandu jiehu minnghand il-konvenuti s-somma ta' mitejn tlieta u sebghin liri maltin u disa centezmi (Lm273.09). In effett ma jirrizultax sufficjentement dak li qed jippremettu l-konvenuti, fil-kontro-talba taghhom, u cioe' li anke x-xoghiljiet li saru mill-attur fl-ewwel appalt kienu difettuzi u kellhom jinqalghu. Ghalhekk jirrizulta b'mod sufficjenti li l-ammont li qed jintalab cioe' Lm273.09 huwa effettivament dovut mill-konvenuti lill-attur fir-rigward tal-ewwel appalt.

Kwestjoni ohra li trid tigi risolta hi jekk il-konvenuti tterminawx it-tieni appalt ghal raguni valida. Fir-rigward ta' din il-kwestjoni l-attur sostna, fl-affidavit tieghu, li huwa ma xtarax iz-zebgha li kienet necessarja biex jigi kompletat it-tieni appalt minhabba l-fatt li l-konvenuti, in partikolari l-konvenuta Grace Borg, kienu waqfuh milli jkompli l-istess appalt. L-istess attur ikkonferma li huwa kien lehaq ghamel hafna xogholijiet li kienu konnessi ma dan l-appalt, li kienu jinkludu xogholijiet ta' tnehhija ta' torba, qtugh ta' saqaf, tnehhija ta' terrapin u diversi xogholijiet ohra li kienet tqabbdu jaghmel l-imsemmija kovenuta, inkluz it-tqeghid tal-katusi weqfin. L-ahhar xoghol li

ghamel in konnessjoni mat-tieni appalt kien il-kisi tal-faccata. Skond l-attur kif lesta dan ix-xoghol ta’ kisi l-Perit li kien inkarikat mill-konvenuti biex jiehu hsieb ix-xogholijiet in kwestjoni, cioe’ l-Perit Noel Debattista, kien waqfu milli jkompli x-xoghol ta’ kisi li kien qed jaghmel. F’dan ir-rigward l-attur qal li l-imsemmi perit kien barax b’cavetta l-kisi in kwestjoni u kien iddecieda li l-istess kisi ma kienx qed isir sewwa.

Skond l-attur, pero’ x-xoghol in kwestjoni kien qed isir sewwa u dan nonostante l-perit baqa jinsisti li l-kisi kellu jerga jsir. L-attur ikkonferma li l-imsemmi perit kien tah x’jfhem li jekk il-kisi ma jergax isir bil-mod kif ried l-istess perit, l-attur ma kienx ser jithallas ta’ xoghlu. Minhabba f’hekk l-attur jghid li hass li ma kellux triq ohra hlief li jaghmel ix-xoghol tra’ kisi mill-gdid. Effettivament l-attur qal li huwa kien ftiehem mal-haddiema li kienu ghamlu x-xoghol in kwestjoni cioe’ dak ta’ kisi li ma kienux ser jithallsu ghal xogolhom fir-rigward tal-ewwel kisja. L-attur ikkonferma li l-kisi rega sar mill-gdid skond it-tahlita li ried il-perit li kien ordna li jinghata ukoll is-sealer.

Dejjem skond l-attur wara li tlestiet it-tieni kisja tal-faccatsa rega mar l-imsemmi perit, rega barax il-kisi b’cavetta u l-perit u rega’ qal li x-xoghol ta’ kisi rega ma sarx tajjeb. Sussegwentement sar inkontru bejn l-attur, il-perit u kienet il-konvenuta Grace Borg li insistit li l-attur kellu jieqaf mix-xoghol in kwestjoni. L-attur qal li huwa hadem skond kif kien qallu l-perit, pero’ l-imsemmija konvenuta xorta baqghet tal-opinjoni li l-attur ma kellux ikompli bix-xoghol in kwestjoni.

Inoltre jirrizulta li l-attur inkarika zewg periti biex jesaminaw ix-xoghol ta’ kisi in kwestjoni u perit minnhom cioe’ l-Perit Lawrence Gatt fic-certifikat relattiv minnu rrilaxxat ikkonferma li x-xoghol ta’ kisi in kwesjoni hu maghmul skond is-sengha u li t-tahlita usata hi dik skond kif titlob is-sengha. Il-perit l-iehor kien il-Perit Aldo

Caruana li kkonferma li x-xogholijiet in kwestjoni kienu jidhru li saru skond kif tirrikjedi s-sengha u l-arti.

Da parti taghhom il-konvenuti pproducew bhala xhud l-imsemmi perit l-AIC Noel Debattista li kkonferma li huwa kien inkarikat biex jiehu hsieb ix-xoghlijiet in kwestjoni li kienu qed isiru fil-fond maghruf bhala "Exotique Building" li jinsab Manwel Dimech Street, Tas-Sliema. Dan ix-xhud ikkonferma ukoll li meta spezzjona x-xoghol ta’ kisi huwa deherlu li l-istess xoghol ma kienx qed isir b'mod adegwat peress li t-tahlita li kienet qed tintuza kienet nieqsa mis-siment. In effett l-attur kellu jieqaf mix-xoghol ta’ kisi biex it-tahlita ssir kif suppost. Skond ix-xhud dan ma sarx u minhabba f'hekk l-attur kellu jitwaqqaf milli jkompli x-xoghol. Ix-xhud ikkonferma li huwa kien involut meta l-attur twaqqaf milli jkompli x-xoghol ta’ kisi u bhala konsegwenza l-istess xoghol inghata biex isir minn terzi. Ix-xhud qal li hu kien involut fis-sens li ta l-parir biex l-attur jitwaqqaf milli jkompli bix-xoghol in kwestjoni.

Ix-xhud ikkonferma li x-xoghol kollu ta’ kisi li kien ghamel l-attur kellu jitnehha u jerga jsir mill-gdid minn haddiehor. L-istess xhud qal li huwa da parti tieghu kien gie infurmat li kienu ntuzaw sbatax-il xkora siment ghall-faccata u skond l-istess xhud l-imsemmi ammont ta’ xkejjer ma kienx bizzejjed ghall-faccata in kwestjoni meta in effett kellhom jinghataw zewg passati. Ix-xhud ippreciza li hu ma qalx lill-konvenuti biex iwaqqfu lill-attur milli jkompli jaghmel ix-xoghol. Hawnhekk ix-xhud jaqa f’kontradizzjoni ma dak li qal qabel u cioe’ li huwa kien involut fid-decizjoni biex l-attur jitwaqqaf mix-xoghol. Jidher ghalhekk li d-decizjoni biex l-attur jitwaqqaf mix-xoghol ittiehted mill-konvenuti, b’mod partikolari mill-konvenuta. Tant hu hekk li l-Perit Noel Debattista ikkonferma ukoll li huwa semplicement kien qal lill-konvenuti li huwa kien tal-opinjoni li l-kisi li kien ghamel l-attur ma kienx adegwat. Jidher ukoll li l-konvenuta wara li tat l-istruzzjonijiet lil-attur biex jaghmel ix-xoghol ta’ kisi kienet biddlet l-idea taghha kif kellu jsir l-istess kisi u fil-fatt wara li l-attur twaqqaf il-kisi sar bil-mod “graffiato” u jidher li din kienet ir-raguni principali ghalfejn waqfet mix-xoghol lill-attur. Kwindi ma jirrizultax li l-attur twaqqaf mix-xoghol ghal raguni valida.

Il-konvenuti naqsu li jaghmlu provi dwar il-kwstjoni minnhom sollevata li l-attur ta' b'sub-appalt ix-xoghol ta' kisi lil terzi minghajr il-kunsens tal-konvenuti. Inoltre l-konvenuti jikkontendu li t-terzi kienu inkompetenti u mhux tas-sengha. Difatti l-istess konvenuti jikkontendu li x-xoghol maghmul mill-imsemmija terzi ma sarx skond l-arti u s-sengha. Din l-allegazzjoni ma tirrizultax ippruvata peress li kif gia gie konkluz ma jirrizultax li kien hemm raguni valida ghala gie terminat l-appalt moghti lil-attur u ma jirrizultax sufficjentement li in effett ix-xoghol ta' kisi li ghalih kien responsabbli l-attur ma sarx skond kif trid is-sengha u l-arti. Fid-dawl ta' dan kollu l-attur ghandu d-dritt li jitlob il-hlas ghax-xoghol li ghamel u anke ghat-telf ta' xoghol in konsegweza li gie imwaqqaf mill-jkompli jaghmel ix-xoghol lilu appaltat. Ghalhekk l-attur ghandu d-dritt li jithallas l-ammont kollu li qed jitlob u cioe' l-ammont totali ta' Lm5793.09, in kwantu ghal Lm273.09 bhala bilanc minn somma akbar ghal xoghol konness mal-ewwel appalt u kwantu ghall-bilanc ta' Lm5520 dovuti bhala hlas ta' prezz ghal xoghol ezegwit mill-attur fit-tieni appalt u jinkludi telf ta' qliegh.

Bhala konsegwenza ta' dan ukoll jista jinghad li ma jirrizultax li l-attur naqas li jadempixxi l-obligi minnu assunti versu l-konvenuti. L-appalt moghti lill-attur gie terminat mill-konvenuti minnghajr raguni valida u b'hekk l-attur ma jista qatt jitqies li hu responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-konvenuti u konsegwentement il-kontro-talba tal-konveuti timmerita li tigi rigettata.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u konsegwentement u fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha tal-attur u tiddikjara li l-konvenuti tterminaw it-tieni appalt li kien qed jigi esegwit mill-attur minghajr ebda raguni valida u tikkundanna l-konvenuti in solidum bejnithom li jhallsu lill-attur is-somma ta' hamest elef seba' mija u tlieta u disghin lira maltija u disa' centezmi

(Lm5793.09) ekwivalenti ghal euro tlettax il-elf erba mija seba u disghin u disa u tmenin centezmu (€13497.89) liema somma tinkludi l-bilanc minn somma akbar ghal xoghol ezegwit mill-attur fir-rigward tal-ewwel appalt kif ukoll il-hlas ghax-xoghol ezegwit mill-attur fir-rigward tat-tieni appalt inkluz it-telf ta' qliegh li sofra l-attur meta l-istess appalt gie terminat mill-konvenuti minghajr raguni valida u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-ittra ufficjali u cioe' mis-27 ta' Mejju, 1997. Fit-tielet lok tichad it-talbiet kollha tal-konvenuti kif detotti fil-kontro-talba.

Spejjez kollha kontra l-konvenuti in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------